# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 26/2016**

Il-Pulizija

vs

**Charles Spiteri**

iben Carmel, imwieled Pieta', fl-10 ta' Frar, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 2074(M)

Illum, 15 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Wara nota li saret mill-Probation Officer Carmen Nygaard prezentata ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema nota, l-*probation officer* infurmat lill-Qorti li l-hati, hawnhekk appellant, ma kienx qieghed izomm kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 41(a), 49, 50, 261 (b)(f),

263(a) (b), 270, 278(2), 287, 289 u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, trattat ma' Charles Spiteri ghar-reati li taghhom instab hati fit-22 ta' Frar 2015 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u fil-waqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik 1-imsemmija sentenza, ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija.

Il_Qorti rrikmandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva tqa' Kordin sabiex Charles Spiteri jinghata l-ghajnuna kollha kemm jista' jkun malajr biex jeghleb il-vizzju tad-Droga inkluz li jsegwi program ta' riabilitazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Spiteri pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Jannar 2016, b'dan illi tikkonferma fejn hija kkonfermat s-sejbien ta' htija, u tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija, u konsegwentement timponi piena aktar miti u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva u mhix proporzjonata ghall-ghemil ta' l-appellant.

Illi ghalhekk, l-appellant qieghed jibbaza dan l-appell principalment fuq il-piena li huwa nghata mill-ewwel Qorti, u cioe' piena ta' sentejn prigunerija effettivi.

Illi peress li l-ewwel Qorti trattat ma' l-appellant ghar-reati li taghhom instab hati fit-22 ta' Frar 2015, l-appellant ser isemmi biex kien akkuzat originarjament, u cioe: -

1. Talli nhar il-21 ta' Frar 2015, ghall-habta tal-4:25hrs, gewwa Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien.
3. U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux ikunu mibdula.

Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-22 ta' Frar 2015, l-appellant kien irregistra ammissjoni, u ghalhekk din il-Qorti hasset, anke minhabba l-ammissjoni bikrija, li liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, kif ukoll ordni ta' supervizjoni, kienet l-aktar piena xierqa fic-cirkostanzi. L-appellant kien ordnat ukoll illi fl-ewwel sena ta' dan il-perjodu msemmi, huwa ghandu jaghmel mitejn siegha xoghol jew servizz fil-komunita'.

Illi pero', l-ufficjal tal-probation infurmat lill-Qorti li l-appellant mhuwiex qieghed joqghod ghall-ordnijiet moghtija lilu mill-istess ufficjal.

Illi skont l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a bazi ta' liema artikolu l-ufficjal tal-probation ipprezentat in-nota taghha, l-ewwel Qorti setghet twahhal lill-hati ammenda, jew ukoll tista' titratta mieghu ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, u l-ewwel Qorti ddecidiet li titratta mieghu ghar-reat li tieghu kien instab hati fit-22 ta' Frar 2015.

Illi hawnhekk, il-Qorti diga' ghazlet li tmur ghall-mizura l-aktar harxa u cioe' li titratta mieghu ghar-reat originali.

Illi l-piena ta' sentejn prigunerija, ghar-reat li bih kien originarjament akkuzat, hija wahda esagerata, b'mod partikolari meta wiehed iqis li l-piena moghtija tqarreb lejn il-massimu.

Illi l-ufficjal tal-probation, fix-xiehda taghha quddiem l-ewwel Qorti, ghamlet enfazi fuq li l-appellant kien qieghed ikun imcappas bid-droga.

Illi bid-dovut rispett, jekk verament din il-problema hija l-akbar preokkupazzjoni ghall-Qorti, u jekk verament trid tghin lill-appellant, il-habs huwa l-ahhar post li l-appellant ghandu jkun.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-analizi tal-provi prodotti, l-appellant kellu jsegwi l-ordnijiet tal-Probation Officer u kien obbligat li jaghmel mitejn (200) siegha xoghol fil-komunita' skont is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Frar, 2015.

Illi fuq denunzja tal-Probatiion Officer jirrizulta li l-appellant ma ghamel xejn minn dan u konsegwenza ta' dan il-fatt il-Qorti tal-Magistrati kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija skont is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Jannar, 2016.

Illi l-aggravju tal-appellant hu li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti rat li l-piena erogata hi wahda fil-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti kellha raguni teroga dik il-piena. Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Charles Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata.